15 ta' April, 1955

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Fil-Falliment ta' Joseph Grixti, eżerċenti l-kummerċ taħt id-ditta "Christie Davis & Sons" (*)**

**Falliment — Cessazzjoni tal-Pagamenti — Insolvenza tal-Kummerċjant — Art. 569 tal-Kap. 17.**

*Il-punt dwar "meta" kummerċjant jieqaf mill-ħlas tad-djun, u għalhekk ikun fi stat ta' falliment, huwa punt ta' fatt.*

*Iċ-ċessazzjoni tal-pagamenti tavvera ruħha mhux biss meta l-kummer-*

---

(*) B'digriet tat-30 ta' Mejju, 1955 (publikat), ġie mogħti permess biex isir appell minn din is-sentenza quddiem il-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina.

*ċjant fil-fatt u materjalment ma jkomplix iħallas id-djun tiegħu; imma ġa ma jkunx hemm kontinwazzjoni ta' pagamenti meta huwa, biex iħallas id-djun, jirrikorri għal mezzi rovinużi. Għax f'dan il-każ ikun hemm "solvenza fittizja", prokurata b'mezzi rovinużi u frawdolenti.*

*Għaldaqstant, jekk il-kummerċjant, biex iħallas lil wieħed mill-kredituri tiegħu, jassenjalu merkanzija mhix imħallsa ta' kummerċjant ieħor, u saħansitra taħt il-"cost price", ikun ġa hemm l-istat ta' insolvenza ta' dak il-kummerċjant; għax dik l-operazzjoni hija rovinuża, billi l-merkanzija hija ntiża normalment għar-rivendita bi profitt; u hija frawdolenta, għaliex il-kummerċjant ma għandu ebda dritt iħallas dejn tiegħu bil-merkanzija ta' ħaddieħor li kien għadu ma ħallasx, u dippjù jassenjaha bi prezz baxx. Operazzjoni simili turi kontinwazzjoni artifiċjuża ta' pagamenti, u taħbi l-iżbilanċ ekonomiku li jkun jinsab fih dak il-kummerċjant.*

*U għalhekk, il-kummerċjant li jirrikorri għal operazzjoni simili, għandu jiġi ritenut li ġa kien fi stat ta' falliment fiż-żmien li għamel dik l-operazzjoni.*

Il-Qorti; — Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina ta' l-14 ta' Ottubru, 1954, li biha ġie dikjarat u deċiż illi l-imsemmi Joseph Grixti għandu jiġi ritenut jinsab fi stat ta' falliment mill-ewwel ta' Diċembru, 1951, u ġie ordnat li l-ispejjeż jibqgħu a kariku tal-falliment, konsegwibbli mill-kredituri fl-istess mod kif ikunu konsegwibbli l-krediti rispettivi; wara li kkunsidrat;

Illi b'sentenza tagħha tat-23 ta' April, 1953 ġie dikjarat u deċiż illi l-imsemmi Joseph Grixti jinsab fi stat ta' falliment mill-ewwel ta' April, 1952, salvo li tiġi stabbilita kwalunkwe data oħra anterjuri f'kull żmien fil-kors tal-proċeduri;

Illi in segwitu rriżulta, speċjalment mid-depożizzjoni (fol. 173, 174, 206) ta' l-istess Joseph Grixti, u minn dik ta' Domenico Pantalleresco (fol. 373 tergo sal-fol. 377), u mid-dokumenti fil-fol. 230 sal-235, fil-fol. 343, u fil-391 sal-fol. 450, u speċjalment minn dak fil-fol. 234, illi l-istess Joseph Grixti kien żgur f'dak l-istat meta f'Diċembru, 1951, ikkonsenja lill-imsemmi Pantalleresco akkont tal-kreditu ta' dan kontra tiegħu merkanzija tal-valur ta' ċirka £5900 (fol.

174), li biċċa minnha l-istess Grixti kien għadu ma ħallasx il-prezz tagħha, għal kollox jew in parti, u illi, għall-finijiet tal-imsemmija transazzjoni ma' Pantalleresco, ġiet ukoll kalkulata bi prezz taħt dak tal-kost tagħha; u dan għaliex l-istess Pantalleresco kien ilu jinsisti biex jitħallas tal-bilanċ li kien fadallu jieħu mingħand Grixti, u dan ma kellux flus biex iħallsu; liema transazzjoni saret f'Diċembru 1951, u għalhekk f'dak iż-żmien l-istess Grixti ma kellux flus biex iħallas, la lil Pantalleresco, u lanqas lill-fornituri, u ma setgħax isib aktar kreditu biex ireġġi ruħu u jipprovdi għall-bżonnijiet tal-kummerċ tiegħu; u għalhekk kien fi stat ta' falliment;

Rat fil-fol. 506 il-petizzjoni ta' Domenico Pantalleresco, li biha dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-14 ta' Ottubru 1954; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appell ma hux fis-sens li Joseph Edward Grixti ma hux fi stat ta' falliment, imma li ma kienx f'dak l-istat fid-data fissata mill-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni impunjata, ċjoè mill-ewwel ta' Diċembru 1951, iżda f'data posterjuri. L-appell hu bis... l-deċiżjoni tal-14 ta' Ottubru 1954;

L-Ewwel Qorti ffissat id-data issa impunjata mill-appellant in bazi għall-operazzjoni li saret mill-fallut mal-appellant stess. L-appellant kellu kreditu kontra l-fallut, u dan, peress li l-appellant beda jinsistkaħ għall-ħlas, taħ akkont merkanzija tal-valur ċirka ta' £5000, b'mod li l-appellant baqgħalu jieħu bilanċ ta' £341. Parti minn din il-merkanzija, hekk assenjata in vija ta' "datio in solutum" lill-appellant mill-fallut, kienet għadha mhix imħallsa, ċjoè parti tal-valur ta' £1500. Il-fallut ma setgħax iħallas il-merkanzija li kien jirċievi minħabba l-akkonti li kien qiegħed jagħti qabel lill-appellant. Il-valur tal-merkanzija li ffurmat l-oġġett ta' din l-assenjazzjoni ġie kalkulat taħt il-prezz, ċjoè xi għoxrin fil-mija taħt il-"cost price", non ostante li, "ex admissis", biċċa minnha kienet kapaċi ġġib il-prezz tar-rivendita normali. Lill-appellant ġiet anki mogħtija in pagament tal-bilanċ il-vantan-negozju tal-fallut. Il-fallut kien qiegħed jirrikorri lejn l-ap-

pellant biex dan jgħinu jagħmel pagamenti lil kredituri oħra, u b'hekk twieled il-kreditu ta' l-appellant;

Issa, il-punt dwar "meta" kummerċjant jieqaf mill-ħlas tad-djun, u għalhekk ikun fi stat ta' falliment (art. 560 Kap. 17), hu punt ta' fatt. Jgħid il-De Luca, De Credito, Vol. X, 13: "Quando quis dicatur decoctus et quale sit tempus decoctioni proximus in jure statum non reperitur. Veritas est ut ista sit quaestio facti potius quam juris, non admittens certam et determinatam, sed ut pro singularum casuum circumstantiis decidenda est";

Id-difensur ta' l-appellant sostna li din l-operazzjoni mal-istess appellant kienet tfisser, mhux ċessazzjoni ta' pagamenti, imma anzi l-kontiwazzjoni tagħhom, u li ma jistgħax ikun hemm falliment fejn ma hemmx ċessazzjoni ta' pagamenti;

Issa, dan l-argument hu għal kollox fallaċi. Infatti:—

1. Minbarra ċ-ċessazzjoni "materjali" tal-pagamenti, hemm dawk li dottrinalment jissejħu "equipollenti". Jgħid a propożitu l-Cuzzeri (Del Fallimento, Cod. di Comm. Bolaffio e Vivante, Vol. IX, para. 15, paġ. 26):— ......il riconoscere come unica base del fallimento la cessazione dei pagamenti non importa che questa abbia a scorgersi soltanto nel rifiuto opposto a chi aveva diritto di chiedere di essere pagato ......il debitore può con fatti precisi, non equivoci, manifestare che egli si trova nell impotenza di pagare...........". Din it-teorija tal-"equipollenti" hi sostnuta mil-Vidari, Fallimento no. 23, mis-Supino no. 456, mil-Masi paġ. 73, u mir-Ramella no. 88, u oħrajn;

2. Ma hemmx kontinwazzjoni ta' pagamenti meta din il-kontinwazzjoni ssir għax id-debitur jirrikorri għal mezzi rovinużi. F'każ simili, ikun hemm dik li l-Vidari (Compendio Diritto Commerciale Italiano, manuali Hoepli p. 329) isejjaħ, bi frażi feliċi, "continuazione artificiale dei pagamenti". U jgħid li kontinwazzjoni simili "maschererebbe invano lo stato suo di fallimento";

Dak li ġie issa espost hu riepilogat f'dak il-bran tan-Navarrini (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Comm. Vol. VI, paġ. 30-31), fejn dan l-awtur jgħid: —"Para. 2160 — Quale è il modo in cui la cessazione dei pagamenti si affer-

ma? Essa può affermarsi (e di solito si afferma) con le inadempienze......... Ma oltre che colle inadempienze, la cessazione dei pagamenti può affermarsi con altri fatti ......... può risultare implicitamente......... dalla prosecuzione dei pagamenti affidata a mezzi rovinosi o fraudolenti, posti in essere dal commerciante nell'impossibilità di corrispondere alle sue obbligazioni coi mezzi normali'';

F'dan il-każ ikun hemm ''solvenza fittizia''; u qalet sewwa l-Qorti ta' Trani, fid-deċiżjoni tagħha tat-28 ta' Awissu, 1891. ''Banco di Napoli—Fall. Bianchi ed altri'' — Rep. Coen, voce Fallimento, para. 77, illi : ''Una solvenza fittizia, procurata con mezzi rovinosi e fraudolenti, determina meglio lo stato di fallimento'';

Issa, ma hemmx dubju li dan kien proprju l-każ ta' l-operazzjoni ma' l-appellant. Evidentement il-fallut ma setgħax jagħmel pagamenti, u beda jirrikorri għal mutwi mingħand l-appellant. Fuq l-insistenzi ta' dan għall-ħlas, kien jagħtieh akkonti u jħalli merkanzija mhux imħallsa. Intant baqa' jissellef somom kospikwi mingħand l-appellant. Peress li dan baqa' jagħmel pressjoni, il-fallut spiċċa biex assenjalu merkanzija in parti mhux imħallsa, biċċa minnha taħt il-''cost price'' tagħha, u sa anki l-van tan-negozju. Din kienet operazzjoni rovinuża, għax il-merkanzija kienet normalment intiża għar-rivendita bi profitt; u kienet ukoll frawdolenta, għax il-fallut ma kellu ebda dritt iħallas dejn tiegħu bil-merkanzija ta' ħaddieħor li kien għadu ma ħallasx, u di più jassenjaha bi prezz baxx;

L-appellant ipprova anki jattakka d-data indikata fid-deċiżjoni appellata billi jgħid li, anki wara dik id-data, hu kien igawdi kreditu, tant li ditti ta' barra kienu jikkonċedulu l-ħlas b'dilazzjoni, u dwar daqshekk għamel domandi li għalihom irrisponda fin-noti tiegħu l-kuratur tal-falliment fol. 519 u fol. 523;

Issa, hu elementari li l-pagament ta' merkanzija b'aċċettazzjonijiet b'terminu hu ħaġa li tiġi pratikata normalment fil-kummerċ, u ma tidħolx affattu l-kwistjoni ta' ''kreditu'' fis-sens li għandha din il-kelma ''in subjecta materia'', ċjoè ta' fiduċja fis-solvenza tax-xerrej;

Ġie ukoll argumentat — u ġew mogħtija fuq daqshekk risposti mill-kuratur fin-noti tiegħu fuq talba ta' l-appellant — li anki wara d-data fissata fid-deċiżjoni mpunjata l-fallut għamel pagamenti lid-ditti ta' barra. Kif ġa ngħad, però, din kienet kontinwazzjoni artifiċjuża, billi l-fallut kien qiegħed jirrikorri għal mezzi rovinużi biex jaħbi l-iżbilanċ ekonomiku li kien minn żmien jinsab fih, kif turi ċar l-operazzjoni ma' l-appellant;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi;

*Billi tiċħad* l-appell interpost minn Domenico Pantalleresco, u *tikkonferma* d-deċiżjoni appellata; bl-ispejjeż kontra tiegħu.